*Revoka ta' Mandat-Valur mhux dikjarat*

*Nullita' - Art 832 tal-Kap 12*

*Penali - 836(1)(d) tal-Kap 12*

*Garanzija 838A tal-Kap 12*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Jannar 2017**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Revoka Numru : 674/2016/LSO**

**Fl-atti tac-citazzjoni numru 354/01 LSO**

**Paul Caruana**

**vs**

**Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolph Gaerty, Ronald Gaerty, u Ondine Gaerty**

**u fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/2002, fl-ismijiet**

**Paul Caruana**

**vs**

**Rudolph Gaerty**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta’ Rudolph Gaerty (ID. 14472M) datat 9 ta’ Awwissu 2016 fejn espona: -

1.1 Illi mill-atti tal-mandat numru 901/2002 jirrizulta illi nhar is-26 ta' April 2002, din l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta ordnat il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/2002 kontra l-esponenti Rudolph Gaerty fuq kull proprjeta` immobbli appartenenti lilu, senjatament villa bil-gnien anness gewwa Triq il-Fortizza, il-Madliena, limiti tal-Gharghur ta' kejl superficjali ta' circa elfejn mija u hamsa u

tmenin metru kwadru (2,185m$^2$) - kopja annessa bhala Dok RGKM1.

1.2 Illi l-konvenut rikorrenti ghandu wisq kapital marbut fl-imsemmija proprjeta` inibita u ghaldaqstant, jekk il-proprjeta` tinqasam f' porzjonijiet A, B u C, fis-suq prezenti u kif deskritt fid-dokument RGKM2, il-proprjeta` jkollha valur kumplessiv ta' €5.2miljun, fejn il-porzjonijiet immarkati A u B fid-dokument RGKM2 jkollhom access minn triq il-Madliena u kull wahda jkollha kejl superficjali ta' circa hames mija u ghoxrin metru kwadru (520m$^2$) u valur ta' miljun u mitt elf ewro (€1,100,000)-il wahda kif indikat fid-dokumenti hawn annessi u mmarkat RGKM3; filwaqt illi l-porzjoni C jkollha access minn triq il-Madliena u Triq il-Fortizza, kif tidher immarkata fid-dokument RGKM2, li ghandha kejl superficjali ta' circa elf mija u hamsa u erbghin metri kwadri (1145m$^2$) u tinkludi madwar elf u mitt metru kwadru (1100m$^2$) bini "finished" b'valur stmat kumplessiv li jlahhaq madwar €3miljuni kif deskritt fid-dokument anness u mmarkat RGKM4.

1.3 Illi fil-fatt, l-attur ma nnotifikax lill-esponenti bir-rikors ghall-mandat ta' inibizzjoni 901/2002, liema agir da parti ta' Paul Caruana ma jistax jonqos milli jitqies bhala sfruttar, ossia attentat t'abbuzz u manipulazzjoni da parti tieghu tas-sistema procedurali applikata fil-Qrati ta' Malta.

1.4 Illi in oltre, bi skop specifiku u qarrieqi sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun zvijata fil-kunsiderazzjoni tal-elementi li *prima facie* setghu jwasslu ghall-hrug tal-mandat odjern u

ma tasalx ghal gudizzju ekwu, Paul Caruana naqas milli josserva u jottempera ruhu mad-dispozizzjonijiet stabbiliti u imposti mill-artiklu 832 tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta u cjoe` illi f'kull talba ghall-kawtela fuq kreditu jew pretensjoni li tista' tkun soddisfatta bi hlas ta' somma flus, ir-rikorrent ghandu jghid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu, u jekk tkun giet prezentata kawza fil-Qorti, dik it-talba tista' tispecifika u tinkludi l-ispejjez gudizzjarji, taht piena tan-nullita` tal-mandat (sottolinejar tal-esponenti). Wahda mir-ragunijiet ghaliex il-legislatur inkluda tali dispozizzjoni hija naturalment sabiex kull parti li kontra taghha jigi intavolat mandat kawtektorju, tkun tista' tipprovdi garanzija alternattiva ghall-pretensjoni tal-parti l-ohra. Jekk ma jigix indikat l-ammont pretiz, tali dritt tal-intimat ikun totalment stultifikat, ovvjament bi pregudizzju serju ghalih.

1.5 Illi tenut kont illi il-mandat fuq indikat huwa nieqes minn tali element/rekwizit mandatorju, stabblit mill-artikolu 832, jigi sottomess bir-rispett illi l-mandat relattiv ghandu jigi dikjarat null u revokat

1.6 Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghal dak gja sottomess, in materja ta' *quantum*, l-attur Caruana kien intavola wkoll il-mandati numru 748/98, 751/98, u 854/98 fejn indika illi l-pretensjoni tieghu kienet ta' mitejn u-ghoxrin elf lira Maltin (Lm220,000), liema mandati kawtelatorji gew revokati immedjatament a bazi tal-fatt illi l-pretensjonijiet tal-intimat Paul Caruana huma eccessivi,

per RGKM5 ezebit kuntestwalment mar-rikors promotur odjern

1.7 Illi wara r-revoka ta' l-imsemmija mandati kawtelatorji, l-istess intimat Paul Caruana sistematikament intavola numru ta' mandati kawtelatorji ohra fl-atti tac-citazzjoni numru 369/98 JRM fl-ismijiet Paul Caruana vs Rudolph Gaerty, partikolarment il-mandat ta' sekwestru kawteltorju numru 2307/1999 u l-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 2308/1999, oltre ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 367/2001, u l-mandati ta' inibizzjoni numru 901/2002 u 2095/2003 li gew intavolati wara li l-attur Caruana intavola it-tieni citazzjoni tieghu numru 354/01 LSO fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolph Gaerty, Ronald Gaerty, u Ondine Gaerty, deciza *in parte* Onorabbli Imhallef Lorainne Schembri Orland, fejn il-pretensjoni tal-intimat *ai termini* tal-imsemmi mandat ta' sekwestru u qbid kawtelatorji giet awmentata ghal tliet mitt elf liri Maltin (Lm300,000) <u>u dan minghajr ma prezenta ombra ta' prova gdida u/jew ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu.</u>

1.8 Illi l-effetti tal-pretensjonijiet ta' l-istess Paul Caruana kif dedotti fil-mandat kawtektorju odjern, li ma jindika l-ebda ammont kawtelat, qeghdin joholqu pregudizju lir-rikorrent esponenti billi l-piz fuq l-assi ta' Rudolph Gaerty mhux proporzjonat ghat-talbiet tal-attur. In oltre, il-valur tal-kawtela huwa minn sebgha sa aktar minn ghaxar darbiet akbar mill-ammont li l-attur prova jikkawtela bil-mandati kawtelatorji deskritti fil-paragrafu antecedenti, liema

mandati gew revokati, u dan oltre l-fatt illi wara oltre hmistax-il sena ta' kawzi, l-attur mhux biss naqas milli jipprova l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet imressqa minnu, izda huwa sahansitra evidenti li ma kien hemm xejn illi huwa seta' jipprezenta u/jew jipprovdi sabiex jikkorobora l-allegazzjonijiet tieghu fil-kawzi minnu intavolati u partikolarment fil-kawza in atti tal-mandat ta' inibizzjoni odjern fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolph Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty [Cit. Nru: 354/01 LSO] li llum hija *res judicata* ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' l-attur illi Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolph Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty kienu qed jeludu l-interessi tieghu.

1.9 Illi fl-ewwelnett jigi rilevat illi ma gew sottomessi ebda provi konkreti ghajr dikjarazzjonijiet u semplici allegazzjonijiet fierha tal-attur Paul Caruana, li ma gewx sostnuti bl-ebda prova fattwali, filwaqt illi l-esponenti ressaq provi (inkluz permezz tas-CEO tal-lstitur esteru tal-partijiet u r-rapport tad-ditta ta' awdituri Deloitte RGKM8, li jikkonfermaw li Paul Caruana kien thallas dak kollu lilu dovut u li l-esponenti ma ghandu jaghti xejn lil Caruana. Inoltre u fi kwalunkwe kaz, anke jekk, *dato ma non concesso,* wiehed kellu jikkonsidra l-pretensjonijiet ta’ Paul Caruana kif minnu dedotti, effettivament jirrizulta li l-attur Caruana huwa kawtelat fil-pretensjonijiet tieghu permezz tal-mandat kawtelatorju odjern bi proprjeta` ta' valur ekwivalent ghal hames miljuni u mitejn elf ewro (€5,200,000) (ara DOK RGKM3 u RGKM4), *nonostante* illi l-pretensjoni dedotta minn Paul Caruana hija fl-ahjar ipotezi

ghalih fl-ammont ta' €698,812 (ekwivalenti ghal Lm300,000).

1.10 Illi ghaldaqstant, anke minn semplici daqqa t'ghajn, huwa EVEDENTISSIMU illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma sovra kawtelati; dan oltre l-fatt illi anke l-ammont pretiz ta' Lm300,000 ma gie b'ebda mod sostnut bi provi fattwali mill-attur Caruana.

1.11 Illi l-agir abbuziv, irresponsabbili u vessatorju ta' l-attur Paul Caruana, qieghed jippregudika s-sitwazzjoni ta' xoghol u l-ghixien ta' l-esponenti Rudolph Gaerty, missier ta' familja fejn erba' persuni ohra, inkluz tlett itfal minuri u martu, jiddipendu esklussivament minnu ghall-ghixien taghhom.

1.12 Illi din il-pretensjoni ta' Paul Caruana li ilha ghaddejja ghal oltre tmintax-il sena xeklet hajjet l-intimat Rudolph Gaerty u irrovinat l-uniku mezz ta' ghixien tieghu permezz ta' madwar ghaxar mandati kawtelatorji sistematikament intavolati mill-istess Caruana kontra Rudolph Gaerty u familjari tieghu (Ara Dok. RGKM6).

1.13 Illi tenut kont tal-fatt illi d-dar residenzjali inibita hija l-uniku asset ta' l-esponenti Rudolph Gaerty, residenza li fic-cirkustanzi prezenti jixtieq jinnegozja biex jiggenera frott ferm akbar mis-semplici inkrement tal-valur fis-suq tal-proprjeta`, minhabba l-mandat odjern ir-rikorrent esponenti gie michud minn diversi banek lokali l-possibilita` ta' facilitajiet bankarji kemm billi dan il-mandat jirrifletti ikrah

fuq il-konvenut kif ukoll billi l-valur kawtelat mhuwiex kwantifikat, liema diffikultajiet cahhdu lill-esponenti mill-possibilita` illi jaghti garanzija bankarja alternattiva.

1.14 Illi dan il-mandat ta' inibizjoni, bhall-kawzi intavolati kontra l-esponenti in konnessjoni mal-mertu odjern, ikkaguna u qieghed jikkaguna hsara rreparabbli lill-konvenut u ippregudika l-uniku mezz ta' ghixien ta' l-esponenti u sal-gurnata tal-lum, hu u l-familja tieghu qeghdin ikomplu jbatu billi l-esponenti ghandu l-kapital kollu tieghu marbut gewwa din id-dar li ghandha valur ta' aktar minn ghaxar (10) darbiet il-mandat originarjament rikjest, dan oltre l-fatt illi minkejja illi l-esponenti jixtieq jibda jinnegozja hilli jhaddem u jinnegozja dan l-"asset" tieghu, huwa ma jistax jinnegozja din il-proprjeta`, jew jinghata self fuqha, konsegwenza tal-mandat *de quo* li mhux kwantifikat u r-riskju percepit mill-banek, u dan minkejja l-fatt illi l-assi tal-konvenut esponenti huma kunsiderevolment aktar mill-pretensjoniet ta' Caruana.

1.15 Illi l-esponenti jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia, rikors numru 275/2003 fl-ismijiet Josephine Sammut vs Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg, fejn kienu jissusistu cirkostanzi simili ghal dawk odjerni u fejn, *inter alia*, l-Qorti sahqet illi l-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor.

1.16 Illi l-esponenti ihossu aggravat b'dan kollu u umilmenti jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tal-fatti li juru ben oltre milli *prima facie* illi l-attur Caruana qieghed jistrih biss fuq il-kelma tieghu, l-kelma ta' liema individwu hija mimlija guramenti foloz, u ghalhekk mhux kredibbli. Dan wisq aktar meta wiehed jixtar sensiela ta' fatti li graw mill-2002 sal-gumata tal-lum li jinkludu serje ta' dikjarazzjonijiet kontradittorji ta' Paul Caruana li l-konvenut rikorrenti jixtieq jgib ghall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti bid-dokumenti RGKM7, RGKM8, RGKM9 u RGKM10 u li ma kienux disponibbli ghall-Onorabbli Qorti kif preseduta li laqghet it-talba ghall-mandat odjern. Certament illi din l-informazjoni setghet possibilment twassal biex din l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta kienet titfa' piz differenfi fuq ix-xhieda ta' l-attur jew titlob informazzjoni ulterjuri u mhux tistrih biss fuq dikjarazjoni ta' Paul Caruana.

1.17 Illi l-esponenti qieghed ibati pregudizzju minhabba l-fatt illi jissussistu c-cirkostanzi kontemplati fid-dipozizzjonijiet tal-artikolu 836 (1) [d] u [f] tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili billi l-pretensjonijiet tal-intimat Paul Caruana huma *prima facie* eccessivi u certament bil-bosta inferjuri ghall-valur tal-proprjeta` suggetta ghall-mandat *de quo,* kif ukoll fic-cirkostanzi mhux necessarju u gustifikat u ghaldaqstant mhux ragonevoli li jinzamm fis-senh l-att ta' inibizzjoni numru 901/2002 fuq il-proprjeta`, ghall-inqas zgur illi mhux fl-interita` taghha.

1.18 Illi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni precedenti dwar in-nullita` tal-mandat relattiv (minhabba l-inottemperanza mad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 832 tal-Kap. 12), jigi sottomess bir-rispett illi, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti ma tilqax it-talba ghar-revoka tal-mandat relattiv, fic-cirkostanzi, jkun certament ragonevoli illi l-mandat jigi ghall-inqas limitat ghall-porzjoni B tal-proprjeta`, liema porzjoni ghandha kejl ekwivalenti ghal madwar hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-proprjeta` intiera milquta bl-effeti tal-mandat relattiv u liema porzjoni ghandha valur stmat ta' miljun u mitt elf ewro (€1,100,000), u ghandhom minnnufih jigu liberati mill-effetti tal-mandat *de quo* l-partijiet l-ohra tal-proprjeta` , senjatament il-porzjonijiet A u C kif deskritti f' dokument RGKM2.

1.19 Illi certament il-valur tal-kumplament tal-immobbli propost li jibqa' suggett ghall-mandat kawtelarju odjern, ossija bicca art fiz-zona tal-izvilupp gewwa l-Madliena, li ghandha kejl ta' hames mija u ghoxrin metru kwadru u valur stmat ta' miljun u mitt elf ewro (€1,100,000), certament illi huwa *arci che* bizzejjed biex jikkawtela abbundantement il-pretensjonijiet tal-attur. Ghalhekk huwa sottomess bir-rispett illi t-talba odjerna tal-esponenti ghall-liberazzjoni ta' tliet kwarti mill-imsemmija proprjeta` milquta bl-effeti ta' dan il-mandat, b'ebda mod ma' tista' titqies bhala pregudizzjevoli ghall-attur.

1.20 Illi kwalunkwe oppozizzjoni tal-attur ghal din it-talba, oltre ghall-agir da parti ta' l-intimat Paul Caruana, partikolarment in-nuqqas ta' l-attur milli jikkwantifika l-

*quantum* mertu tal-pretensjoni tieghu u n-nuqqas tieghu milli jillimita l-effett tal-mandat *de quo,* certament jammonta ghall-agir malizjuz, frivolu u vessatorju kontemplat fl-artikolu 836 (8) (d) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghaldaqstant, f' kaz ta' oppozizzjoni ghat-talba odjerna, tali cirkostanzi certament jimmerita illi l-istess Paul Caruana ghandu jigi ikkundannat ihallas penali *a tenur* ta' l-istess artikolu, apparti danni kif kontemplati fis-subartikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, li qed jigu espressament riservati.

1.21 IllI fil-fatt, il-proceduri li ghalihom qed jirrikorri Paul Caruana huma bhal proceduri antecedenti, malizjuzi, frivoli u vessatorji fil-konfront ta' Rudolph Gaerty u dan *ai termini* ta' l-istess artikolu 836 (8) (d) tal-Kapitolu 12 billi l-agir tal-intimat Paul Caruana huwa evidentement intiz sabiex ixekkel lil Rudolph Gaerty milli jezercita d-dritt imhares mill-Kostituzzjoni ta' Malta ghax-xoghol u l-ghixien hekk kif gie meqjus mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onor. Imhallef Tonio Mallia, rikors numru 275/2003 fl-ismijiet Josephine Sammut vs Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg.

1.22 Illi sussidjarjarnent, ir-rikorrent esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza ibbazata fuq l-awtorita' ta' Baudry — Lacantinerie, fl-ismijiet Zarb John vs Port Cottonera Limited, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-18 ta' Settembru 2002 illi dahlet fil-kwistjoni ta' meta ghandha tinhareg garanzija taht l-Artikolu 838A.

1.23 Illi ghaldaqstant, tenut ukoll kont ta' l-agir abbuziv ta' l-intimat Paul Caruana, u li inoltre u fi kwalunkwe kaz, fil-fatt tezisti kawza gusta, ir-rikorrenti Rudolph Gaerty qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex sussidjarjament, tikkundanna lill-intimat Caruana sabiex, fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi iffissat minn din il-Qorti, *a tenur* ta' l-attikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepozita garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali li tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li jaghmel dan thassar l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, billi tissussisti kawza gusta *in vista* tal-proceduri numeruzi, *prima facie* insostenibbli, dwar l-istess mertu da parti, ta' Paul Caruana kontra l-esponenti, u kawza ta' liema l-esponent qieghed personalment isofri tbatija sostanzjalissima u irriversibbli, bla bzonn.

1.24 Illi l-esponenti Rudolph Gaerty ma ghandux jibqa' jigi pregudikat fis-sitwazzjoni ta' xoghol u l-ghixien tieghu minhabba l-irresponsabilita` tal-attur Paul Caruana permezz tal-agir vessatorju tieghu, li qieghed jikkawza danni konsiderevoli u irrimedjabbli lill-esponenti.

Ghaldaqstant, *in vista* tar-ragunijiet u fatti fuq premessi, filwaqt illi jzomm fermament illezi d-drittijiet tieghu ghad-danni fil-konfront ta' Paul Caruana, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u ordni li jidhrilha xierqa u opportuni, din l-Onorabbli Qorri joghgobha:-

1. Tiddikjara l-mandat numru 901/2002 (fl-ismijiet premessi) null, *stante* li Paul Caruana naqas milli

jikkwantifika l-pretensjoni tieghu, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 832 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement thassar u tirrevoka tali mandat;

2. Fil-kaz illi ma tigix milqugha l-ewwel talba ghar-ragunijiet premessi, tillimita l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju numru 901/2002, b'tali mod illi jigu illiberati mill-effetti tal-mandat *de quo* l-porzjonijiet tal-proprjeta` li ghandhom kejl ekwivalenti ghal madwar hamsa u sebghin fil-mija (75%) tal-proprjeta` in kwistjoni, senjatament il-porzjonijiet A u C kif immarkati fil-pjanta annessa u immarkata bhak DOK RGKM2, u l-effett tal-mandat jigi ghalhekk limitat biss ghall-porzjoni B li ghandha kejl superficjali ta' circa hames mija u ghoxrin metru kwadru u valur stmat ta' €1,100,000 kif immarkata f' Dok RGKM2 u deskritta f' Dok RGKM3, *stante* li jissusistu c-cirkostanti kontemplati fid-diposizzjonijiet tal-arukolu 836 (1) sub-incizi (d) u (f) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

(c) Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet l-ohra, tillikwida, tordna u tikkundanna lil Paul Caruana jhallas penali *a tenur* tal-artikolu 836 (8) (d) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civli, apparte danni kif kontemplati fis-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili li qed jigu espressament riservati; u

(d) Sussidjarjament u wkoll minghajr pregudizzju ghat-talbiet l-ohra, tikkundanna lil Paul Caruana sabiex, fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din il-Qorti, *a*

*tenur* ta' l-artikolu 838A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddepozita garanzija xierqa biex taghmel tajjeb ghall-hlas tal-penali tista' tigi imposta u ta' danni u imghax, u fin-nuqqas li jaghmel dan thassar l-effetti tal-mandati kawtelatorji odjerni billi tissussisti kawza gusta *in vista* tal-proceduri numeruzi, *prima facie* insostenibbli, dwar l-istess mertu da parti, ta' Paul Caruana kontra l-esponenti, u kawza ta’ liema l-esponenti qieghed personalment isofri tbatija bla bzonn;

Bl-ispejjez kontra Paul Caruana.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2016.

Rat ir-risposta ta’ Paul Caruana detentur ta' karta tal-identita' numru 753360M tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 20 ta’ Settembru 2016 (fol 54) fejn espona :

1. Illi preliminarjament, dan ir-rikors huwa irritu u null in kwantu r-rikorrenti qieghed jitlob kemm penali kif ukoll danni dwar l-istess mandat apparti illi qieghda tintalab garanzija min-naha tal-esponent. L-esponent ihoss illi kwalunkwe penali, filkaz illi l-Qorti tapplikaha, tinkludi jew tkopri l-element ta’ danni, waqt u kwalunkwe kundanna ghal danni tkopri element ta' penali;

2. Illi l-esponenti jirrileva wkoll illi r-rikorrenti ma jistax issa u cioe' kwazi hmistax-il (15) sena wara jqajjem eccezzjonijiet ta' nullita' fir-rigward tal-mandat in kwistjoni.

Illi jigi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-esponenti naqas milli jinnotifika lir-rikorrenti bir-rikors ghall-mandat ta' inibizzjoni 901/2002 u ghalhekk l-agir tal-esponenti ma jistax jitqies bhala sfruttar, ossia attentat t'abbuz u manipulazzjoni da parti tieghu ghas-sistema proceduarli applikata fil-Qrati Maltin kif qed jallega r-rikorrenti;

3. Illi *di piu'* l-esponenti jirrileva wkoll illi mhuwiex minnu illi huwa kellu skop specifiku u qarrieqi meta naqas milli jindika ammont kemm bejn wiehed u iehor fil-fehma tieghu kienet is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu *stante* illi meta nhareg il-mandat in kwistjoni kienu ghadhom qed jingabru l-provi u ghalhekk is-somma kienet ghadha trid tigi komputata. Illi tant kemm l-esponenti fil-hrug tal-mandat in kwistjoni ma kellu l-ebda malizzja jew skop qarrieqi illi sahansitra sabiex jikkawtela d-drittijiet ohra naxxenti f' kwistjonijiet bejn il-partijiet koncernati huwa kellu jintavola mandati ohra *stante* illi l-mandat in kwistjoni ma kienx bizzejjed sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tal-esponenti. Illi inoltre kienet din l-istess Qorti illi awmentat il-pretensjoni tal-esponenti *ai termini* tal-imsemmi mandat sabiex jigu kkawtelati d-drittijiet tieghu u ghalhekk zgur illi l-esponenti ma jistax jitqies illi inganna bil-Qorti;

4. Illi jigi rilevat ukoll illi anke r-rikorrenti intavola numru ta' mandati fil-konfront tal-esponenti liema mandati gew intavolati b'mod frivolu u vessatorju u dan kif muri mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A';

5. Illi fit-talba ghall-hrug tal-mandat mill-esponenti ma kien hemm ebda talba kapriccjuza jew malizzjuza jew *in mala fede* kif allegat u ghalhekk ma hemmx lok ghal danni kif pretiz. Ma kien hemm xejn abbuziv jew vessatorju fil-hrug tal-mandat, izda ezercizzju legittimu ta' dritt kawtelatorju;

6. Illi fuq kwistjoni ta' mertu l-esponenti jirrileva illi huwa kien intavola l-kawza mertu tal-proceduri odjerni fis-sena elfejn u wiehed (2001) fl-ismijiet Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited f'liema kawza ghadhom qed jinstemghu l-provi. Kontestwalment ma' dik il-kawza huwa kien talab u ottjena mandat kawtelatorju kontra l-konvenuti minhabba danni prezenti u futuri kkalkolati *ai fini* ta’ dan il-mandat naxxenti minn ingann min-naha tal-konvenuti;

7. Illi l-esponenti jirrileva illi r-rikorrenti qisu jittenta permezz tar-rikors tar-revoka tal-mandat in kwistjoni jidhol fi kwistjoni ta' mertu illi jmorru liI hin mill-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt, l-esponenti jirrileva illi r-rikorrenti bhal speci jipprova jitfa' dawl ikrah fuqu billi jaghmel allegazzjonijiet u konisiderazzjonijiet foloz u inveritieri. Illi fil-fatt, jigi rilevat illi mhuwiex minnu illi tul il-kawza odjerna ma gew sottomessi ebda provi konkreti li jikkonfermaw dak allegat mill-esponenti izda l-esponenti mhux se jidhol f’ dak ir-rigward *stante* illi mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tisma' sottomissjonijiet fuq hekk. Illi ghalhekk l-esponenti se jillimita ruhu billi jichad dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors tar-revoka. Illi fil-fatt, il-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun jekk effettivament il-mandat in kwistjoni huwiex gustifikat *o*

*meno* u din il-Qorti m'ghandiex tidhol f' kwistjonijiet ta' mertu;

8. Illi l-esponenti jirrileva illi anke meta r-rikorrenti jallega illi l-pretensjonijiet tieghu huma sovra kawtelati *stante* illi l-ammont pretiz minnu huwa dak ta' tliet mitt elf lira Maltin dawn huma allegazzjonijiet biss u ma jsibux konfort la fil-fatti hekk kif esposti mill-kawza u lanqas mil-Ligi. Illi tant hu hekk illi r-rikorrenti naqas milli jikkonsidra fatturi diversi fosthom l-interessi illi akkumulaw tul il-prcceduri odjerni u l-ammont ta' danni illi baqa' jizdied apparti provi godda illi gew esebiti quddiem din l-Onorabbli Qorti illi juru illi l-ammont pretiz mill-esponenti zdied minn dakinhar illi gie intavolat il-mandat mertu tal-kawza odjerna;

9. Illi l-esponenti jirrileva wkoll illi l-mod kif gie kostatat il-valur tal-proprjeta` mertu tal-mandat in kwistjoni huwa totalment zbaljat *stante* illi huwa principju ben stabbilit illi quddiem il-Qorti l-kostatazzjoni tal-valur tal-proprjeta` m'ghandux jigi mahdum skont il-valutazzjonijiet maghmula minn *estate agents izda* tali kostatazzjonijiet ghandhom isiru permezz tal-hatra ta' periti illi ghandhom jevalwaw il-proprjeta` in kwistjoni;

10. Illi inoltre l-esponenti jirrileva illi mhuwiex tort tieghu illi l-pretensjonijiet bejn iz-zewg partijiet ilhom ghaddejjin ghal diversi snin. Fil-fatt, l-esponent jirrileva illi minhabba tali dewmien anke huwa qieghed isofri pregudizzju reali u attwali ta' kuljum apparti diversi danni ohra fejn sahansitra minhabba l-portata tal-istess kawza huwa ma jistax

jikkonkludi certu affarijiet qabel ma tigi finalment deciza l-kawza surreferita apparti l-mandati maghmula mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti. Illi ghalhekk anke l-esponenti stess jixtieq illi l-pendenzi bejn il-partijiet jigu konkluzi finalment halli l-esponenti jkun jista' jkompli bl-andament tal-hajja tieghu minghajr ma jaffaccja ostakoli *stante* tali pendenzi;

11. Illi fid-dawl tas-suespost allura jirrileva illi jekk din l-Onorabbli Qorti takkolji t-talbiet tar-rikorrenti dan ikun qed ifisser pregudizzju kbir ghall-esponenti *stante* illi jkun qed jintilef l-iskop tal-mandat odjern u cioe' illi jigu ssalvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug tal-mandat f'dan il-kaz l-esponenti. Illi l-esponenti kemm meta intavola l-mandat odjern u iktar u iktar illum il-gurnata fejn gew imressqa diversi provi in sostenn kellu u ghad ghandu *prima facie* interess illi jixtieq illi jigi ssalvagwardjat liema interess jista' biss jigi ssalvagwardjat jekk jibqa *in vigore* l-effetti kollha tal-mandat odjern u dan kif anke se jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tar-rikors odjern.

Ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, u dan bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2016 (fol 59) fejn meta issejhet il-kawza deher Dr Mark Rafalo li assuma l-patrocinju ghan-nom tal-intimat ezekutant Paul Caruana prezenti fl-Awla, u talab li jigu allegati l-atti tal-Mandat Nru 901/2002. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-allegazzjoni tal-

istess Mandat. Deher Dr Wayne Pisani ghal Rudolph Gaerty prezenti fl-Awla. Dr Pisani pprezenta zewg dokumenti mmarkati Dok RGKM 11 u 12. Dr Refalo talab zmien peress li mhux edott mill-fatti tal-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-17 ta' Novembru 2016; u l-verbal tal-Hamis 17 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Wayne Pisani ghall-Rudolph Gaerty prezenti fl-Awla, u Dr Mark Refalo ghall-intimat ezekutant, prezenti fl-Awla. Dr Mark Refalo ghall-ezekutant jirrileva li hemm zball fl-okkju tar-rikors odjern billi l-Mandat ma sarx kontra Global Executives Search Malta Ltd, u fit-tieni lok, l-irritwalita` billi l-okkju tar-rikors huwa evidentement kaz ta' *forum shopping*, billi l-mandat jaghmel referenza ghal kawza ohra fl-istess ismijiet 369/98, li kellu jkun ir-Registratur li jghazel quddiem liema Qorti jigi r-rikors odjern u mhux ir-rikorrent ezekutat skont l-Artikolu 836(1). Dr Refalo jirrileva li l-affidavit ta' Rudolph Gaerty a fol 17, Dok RJKM7, huwa fil-fatt nota ta' sottomissjonjiet u *detto del detto*. Il-Qorti wara li semghet id-difensur tar-rikorrent odjern, tqis li mhumiex ammissibbli bhala prova referenza ghal xhieda mghotija f'kawzi ohra li mhumiex pendenti quddiema, u ghalhekk dawn ser jigu skartati, izda minghajr ma ordnat l-isfilz tal-affidavit fl-intier tieghu. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal digriet ghall-31 ta' Jannar 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni mahsuba biex jithassar Mandat ta' Inibizzjoni 901/2002 mahrug fl-ismijiet Paul Caruana v Rudolph Gaerty fis-26 ta' April 2002. Dan il-mandat gie mahrug in kawtela tal-pretensjonijiet dedotti mill-ezekutant f'zewg kawzi u cioe` Cit 369/98 fl-ismijiet Paul Caruana v Rudolph Gaerty u Cit 354/01 pendenti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta fl-ismijiet Paul Caruana v Global Executive Search (Malta) Limited, Rudolph Gaerty, Ronald Gaerty u Ondine Gaerty.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jipprova jimpunja l-mandat ta' inibizzjoni *de quo*, *stante* li Paul Caruana naqas milli jikkwantifika l-pretensjoni tieghu bi ksur **tal-artikolu 832** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi f'kaz li dan ma jirnexxix qed jitlob ir-revoka parzjali ta' l-istess Mandat *stante* li jezistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu **836 (1) (d) u (f),** billi qed jigi sottomess li l-piz fuq l-assi ta' Rudolph Gaerty mhuwiex proprorzjonat mat-talbiet, u gie sostnut ukoll, li l-pretensjonijiet ta' Paul Caruana kif dedotti huma diga kawtelati bi proprjeta` tal-valur ta' hames miljuni u mitejn elf Ewro (€5,200,000) (Dok RGKM3 u RGKM4).

Inoltre f'kaz li t-talba ghar-revoka ma tintlaqax qed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' penali u ta' garanzija skont l-artikoli rispettivi **836(8) u 838A** tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

### Zball fl-Okkju u *Forum Shopping*

Illi l-Qorti qabel xejn ser tindirizza z-zewg lanjanzi sollevati fl-udjenza.

Gie verbalizzat mill-abbli difensur tal-intimat li hemm zball fl-okkju billi l-Mandat ma sarx kontra Global Executives Search Malta Ltd.

Ikkonsidrat li mhuwiex qed jigi eccepit in-nullita' tar-rikors. Tali nullita' hija regolata **bl-artikolu 789 tal-Kap 12** li jistipula li att gudizzjarju jista' jigi dikjarat null *inter alia:*

"(*ċ*) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;

(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*

Illi fil-fehma tal-Qorti dak ravvizat mid-difensur tal-intimat jista' jigi sanat b'korrezzjoni apposita, u effettivament din il-Qorti ordnat it-tiswija tal-okkju fit-termini tal-artikolu 175(3) tal-Kap 12. Lanqas jista' jinghad li tali zball huwa ta' pregudizzju ghall-intimat billi ma hemmx dubbju ghal liema

mandat dawn il-proceduri qed jaghmlu riferenza u ghaldaqstant ma setax jigi pregudikat b'mod li ma jistax jipprepara il-linja difensjonali tieghu.

***Forum Shopping***

Illi anke din il-lanjanza qed tigi michuda. L-intimat intavola l-mandat tieghu abbazi ta' zewg proceduri separati , wiehed minnhom pendenti quddiem din il-Qorti u l-iehor quddiem Qorti ohra. Ghaldaqstant ir-rikors seta' validament jigi ppresentat quddiem Qorti jew quddiem ohra. L-artikolu 836 tal-Kap 12 jiddisponi, anzi, jorbot lid-debitur ezekutat biex jaghmel talba ghat-thassir jew ghar-riforma tal-effetti tal-mandat lill-Qorti li tkun qed tittratta l-kawza.

Dawn il-punti ma gewx trattati ulterjorment fis-sottomissjonijiet orali u ma jirrafigurawx fost l-eccezzjonijiet sollevati. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni izjed in kwantu l-ewwel punt gie indirizzat b'digriet *ad hoc* u ghar-rigward tat-tieni punt ma intweriex jekk hemm xi irritwalita' fil-procedura odjerna.

**<u>Dritt:</u>**

Ikkonsidrat li dan ir-rikors sar abbazi tal-**artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** *stante* li r-rikorrent qed isostni li l-Mandat ta’ inibizzjoni in kwistjoni huwa null. Illi t-talbiet tar-rikors odjern huma bazati wkoll fuq l-**artikolu 836 tal-Kap 12**, li ser jigi trattat aktar ‘il quddiem.

Illi r-rikorrent qed jittenta jimpunja l-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo*, peress li ma giex indikat il-kreditu pretiz hekk kif stipulat fl-**artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan l-artikolu tal-ligi jddisponi:

*"Meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-gurament imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, ghandu ighid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu, u jekk tkun giet prezentata kawza fil-qorti, dik it-talba tista' tispecifika u tinkludi l-ispejjez gudizzjarji, taht piena tan-nullita` tal-mandat."*

Hu pacifiku li att gudizzjarju ghandu, safejn jista' jkun, ma jigix imhassar jekk jista' jigi salvat.

Ikkonsidrat li n-nullita' tal-atti gudizzjarji hija sanzjoni eccezzjonali imputabbli ghal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[1], liema difett ma jkunx jista' jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali[2].

Ikkonsidrat izda li **l-artikolu 832** hu mandatarju billi l-istess ligi timponi s-sanzjoni ta' nullita' jekk ebda ammont approssimattiv ma jigi indikat bhala l-kreditu dovut. Dan l-artikolu huwa wieħed mill-ftit li jsemmi din il-konsegwenza espressament.

---

[1] pp. Kumm. 30.6.1994 fil-kawza fl-ismijiet Micallef vs Krogh Jacobsen (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.172)

[2] Ara App. Civ. 21.5.1995 fil-kawza fl-ismijiet Ellul vs Gera de Petri et (Kollez. Vol:LXXIX.ii.434) u s-sentenzi hemm imsemmija

Ikkonsidrat li dwar l-ommissjoni tal-kalkolu tal-kreditu pretiz, wiehed ghandu ihares wkoll lejn dak dispost fl-Art **789(1) tal-Kap 12** fejn jinsabu stabbiliti r-ragunijiet sabiex l-eccezzjoni ta' nullita tista` tinghata.

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba, jigi precizat li huma stipulati erba' kazijiet tassattivament fl-**artikolu 789(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, fis-sens li biex att gudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom. Dawn ir-ragunijiet huma:-

*"(a) jekk in-nullita hija iddikjarata mil-liġi espressament;*
*(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
*(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullita', kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullita', preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*
*d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullita kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*

Fil-kaz in ezami, jirrizulta li n-nullita' hija eccepibbli taht is-subartiklu (a) li, għall-kuntrarju tas-sub-inċiż (ċ) tal-istess artikolu, ma fihx is-salvagwardja li l-parti intimata trid turi l-

ħsara li ma tistax tissewwa li tkun ġarrbet minħabba dak in-nuqqas;

Issa, fil-kaz in ezami id-difett imsemmi huwa anke stabbilit tassativament fost dawk il-partikolaritajiet stipulati **bl-artiklu 831(1) (b) tal-Kap 12**.

Dwar din l-ommissjoni tal-kalkolu pretiz fil-mandat ta' inibizzjoni, il-Qorti, fil-kaz **Anthony Galea noe vs Adrian Agius**, P.A. deciza fil-31 ta' Lulju 2014 inghad hekk:

*"Tqis ghalhekk li n-nuqqas tar-rikorrenti nomine li jsemmi l-valur tal-pretensjoni tieghu hija nuqqas ewlieni li jolqot is-siwi tal-att gudizzjarju li ressaq quddem din il-Qorti. Minbarra dan, il-ligi taghmilha cara li nuqqas bhal dan igib il-piena ta' nullita`…………...*

*Tqis ukoll li n-nuqqas ta' tismija jew indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni min-naha tar-rikorrent nomine twassal ukoll ghall-hsara jew pregudizzju lill-intimat f'kaz li t-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub kellha tintlaqa'. Dan jinghad ghaliex f'kaz li t-talba kellha tintlaqa' kif inhi, se jkun impossibli ghall-intimat li jhares il-jeddijiet tieghu skont il-ligi bir-rimedju disponibbli ladarba ma hemm l-ebda indikazzjoni tas-somma kawtelata u r-ragonevolezza tal-pretensjoni jew l-ezistenza ta' garanzija ohra ghaliha*." (ezempju l-Art. 836(1) (c) (d) (e) u (f) tal-Kap 12).

Dan l-istess principju gie ribadit, fil-kaz **Helen Magri et vs Dr. Alessandro Lia et noe**, P.A. deciz fit-28 ta' April 2015:

"*Ir-raguni ghall-htiega li jigi indikat ammont ta' kreditu, ai fini tal-hrug tal-mandat hija ovvja ghaliex altrimenti l-intimat ezekutat jibqa' skopert u mizmum milli jaghmel l-attijiet imfissra fl-ordni tal-Qorti minghajr l-ebda limitazzjoni. Tali sitwazzjoni twassal ghal incertezza fid-domanda tar-rikorrenti u ngustizzja kontra l-intimat. Biex wiehed japprezza l-konsegwenzi ingusti li din l-incertezza tista' tohloq ghad-debitur, bizzejjed li jinghad li d-debitur ma jkunx jista' jitlob il-hrug ta' kontro-mandat billi joffri garanzija ghaliex l-ammont ghall-garanzija marbut mal-hrug ta' Mandat jibqa' incert." (Ara wkoll* ***Maria Gatt et vs Martin Mallia et****, P.A. deciza fit-18 ta' Mejju 2016).*

Jigi osservat li fil-kaz sucitat, **Helen Magri et vs Dr. Alessandro Lia et noe**, il-pretensjoni kienet ghall-hlas ta' kreditu ghal servigi prestati, filwaqt li l-kaz *de quo* ma jitrattax l-istess pretensjoni.

Fil-kaz in ezami, l-intimat, Paul Caruana, issottometta li r-rikorrent fil-kaz odjern, qed jattakka l-mandat in kwistjoni, hmistax-il sena wara l-hrug tal-istess mandati ;gie sostnut li kienet saret id-debita notifika tal-mandat ta' inibizzjoni 901/2002 kif rikjest mil-ligi; u gie sostnut ukoll, li meta nhareg il-mandat in kwistjoni kienu ghadhom qed jingabru l-provi fil-kaz "Paul Caruana vs Global Executive Search (Malta) Limited", liema kaz fil-mertu, gie ntavolat fl-2001, u ghadu *sub judice*, ghalhekk kienet ghadha ma saritx komputazzjoni kif imiss.

Illi rigward iz-zmien li ghadda mill-hrug tal-mandat, il-Qorti hija tal-fehma li t-trapass taz-zmien certament mhuwiex rilevanti ghall-kwistjoni tan-nullita' tal-att gudizzjarju ghalhiex in-nullita ravvisata bl-artikolu 832 ipoggi lill-ezekutat f'sitwazzjoni li ma jistax jipprevali ruhu mir-rimedji legali b'mod effettiv.

Illi jigi rilevat li l-mandat odjern inhareg fis-sena 2002 u allura ma kienx rikjest li l-intimat jigi notifikat qabel ma jinhareg digriet definittiv. Ghaldaqstant ir-rikorrent odjern (allura l-intimat ezekutat) ma setax jopponi ghat-talba abbazi tal-artikolu in disamina. Ghalhekk din il-kwistjoni ghadha qatt ma giet investigata mill-Qrati fi proceduri bejn il-partijiet. Din il-Qorti mhix interessata fil-motivazzjoni ghad-dilungar evidenzjat mir-rikorrent billi n-nullita' taht l-artikolu 832 hija wahda radikali u , fic-cirkostanzi, mhux sanabbli.

Ikkonsidrat li l-mandat imsemmi intalab in kawtela ta' kummissjonijiet li l-ezekutant kien qed jippretendi li jircievi in forza ta' skrittura privata li saret bejnu u Rudolph Gaerty. Sussegwentement intavola mhux biss l-ewwel kawza (Cit 369/98) imma t-tieni kawza (354/01) billi allega li dawn il-kummissjonijiet huma dovuti mis-socjeta` Global Executive Search (Malta) Limited *stante* li allega li n-negozju kien baqa' gestit minn din il-kumpanija bi frodi ghad-drittijiet tieghu.

Illi l-intimat odjern argumenta li l-mandat gie intavolat meta l-provi fil-kawzi imsemmija kienu ghadhom qed jingabru u ghalhekk is-somma kienet ghadha trid tigi komputata. Illi

izda din il-Qorti ma tistax taccetta din it-tezi. Il-premessa sostnuta fiz-zewg kawzi kienet li kien qed jithallas biss frazzjoni tal-kummissjonijiet li hass li kienu dovuti lilu. Biex wasal ghal din il-premessa, bilfors kellu jaghmel certi kalkoli altrimenti kien jinkorri fir-riskju li l-mandati minnu intavolati kienu jitqiesu abbuzivi in kwantu malizzjuzi, frivoli u vessatorji.

Jirrizulta mill-iskrittura privata esebita mar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li l-intimat kien hu stess qed imexxi n-negozju trasferit u allura *multo magis* seta' jillikwida <u>mqar approssivament</u> il-pretensjonijiet tieghu.

Illi kkonsidrat li l-artikolu 832 ma jsemmix biss ir-rekwisit tal-valur meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ikun kreditu, imma wkoll "*meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ... <u>jew</u> pretensjoni li <u>tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma ta' flus</u>,...*" (enfasi ta' din il-Qorti.) Huwa car minn dak succitat li l-pretensjoni tar-rikorrent odjern huwa kwantifikabbli f'somma ta' flus u ma kellux raguni valida biex ma jindikax somma *bejn wiehed u l-iehor.* "*Il-mandat del resto jitlob bhala rekwizit somma approsimattiva tal-kreditu u mhux li tintrabat mal-ammont mitlub f'mandat fi proceduri fil-mertu kif jidher li gia hemm pendenti bejn il-partijiet.*" (Mand.Nru. 285/14/1 PA MCH **Vella Calleja v Vella** - dec. fis-27 ta' Jannar 2015).

Illi kif gie ribadit fil-kawza sucitata fl-ismijiet **Helen Magri vs Dr Alessandro Lia et noe** fejn gie ribadit li :

*"izda huwa car li l-legislatur kien anticipa din l-eventwalita' fl-artiklu 382 fejn jinsisti li jigi mfisser ammont pretiz anke f'kaz bhal dan. Skont dan l-artiklu "meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus, bhal ma hu fil-kaz odjern, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu." (sottolinear tal-Qorti).*

*Ghalhekk, ghalkemm it-talba tar-rikorrenti nomine hija waħda għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, fejn f'diversi kazi l-jedd pretiz ma jissarrafx fil-hlas ta' ammont, ir-rimedju minnha stess mitlub huwa rimedju ta' likwidazzjoni u ħlas ta' servigi rezi, jiġifieri somma li tikkostitwixxi "talba li tista' tkun soddisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus".*

*Huwa car li l-legislatur irid li l-kreditur ifisser ammont anke jekk dan huwa biss approssimattiv (bejn wiehed u iehor).*

*Ir-raguni ghall-htiega li jigi indikat ammont ta' kreditu, ai fini tal-hrug tal-mandat, hija ovvja ghaliex altrimenti l-intimat ezekutat jibqa' skopert u mizmum milli jaghmel l-attijiet imfissra fl-ordni tal-Qorti minghajr l-ebda limitazzjoni. Tali sitwazzjoni twassal ghall-incertezza fid-domanda tar-rikorrenti u ngustizzja kontra l-intimat. Biex wiehed japprezza l-konsegwenzi ingusti li din l-incertezza tista' tohloq ghad-debitur, bizzejjed li jinghad li d-debitur ma jkunx jista' jitlob il-hrug ta' Kontro Mandat billi joffri garanzija ghaliex l-ammont ghall-garanzija, marbut malhrug tal-mandat, jibqa' incert."*

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet johrog ukoll car il-pregudizzju reali rekat lill-ezekutat b'konsegwenza ta' din l-ommissjoni radikali.

Ikkonsidrat li minn qari tal-mandat jirrizulta li l-ezekutant iddikjara valur ta' Lm160,000 bhala l-valur marbut mal-proprjeta` milquta izda ma rabatx dan il-valur b'ebda mod mal-valur li kellu jigi kkwantifikat tal-pretensjoni tieghu kif trid il-ligi. Il-Qorti hasbet fit-tul jekk dan l-indikazzjoni ta' valur jista' jissana l-mandat kif trid il-ligi, izda johrog car anke mit-trattazzjoni li dan mhuwiex il-kaz. Anzi ghall-kuntrarju, l-intimat baqa jinsisti li ma jorbotx it-talbiet tieghu ghall-fini tal-mandat ma' ebda valur u minnflok, halla l-kwistjoni tal-valur indefinit u indeterminat. L-intimat effettivament rrezista li jaghmel *capping* fuq il-pretensjonijiet tieghu u halla l-kwantifikazzjoni tal-pretensjoni ghall-fini tal-mandat vaga u indeciza. Dan l-atteggjament huwa wiehed ingustifikabbli tenut kont li l-istess intimat, kif jirrizulta mir-rikors odjern u li mhuwiex ikkontestat, intavola mandat ta' sekwestru fil-valur ta' Lm300,000, fejn allura, ma kellux problema biex jikkwantifika l-pretensjonijiet tieghu ghall-fini ta' dak il-mandat. Dawn il-mandati gew intavolati qabel il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo.*[3]

Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta hija konformi mal-posizzjoni ribadita fid-decizjonijiet fuq citati u ghaldaqstant tilqa' l-ewwel talba u wara li l-Qorti qieset sewwa l-kwestjoni fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi,

[3] *Vide* para 1.7 tar-Rikors odjern.

hija tikkonsidra li l-ommissjoni ta' ammont ikkalkolat *ai fini* tat-talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju twassal ghan-nullita' tal-att u mhix sanabbli *ex officio*.

**Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12.**

Illi din il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-ezami tat-talbiet abbazi tal-**artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap 12** u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba.

**Penali - Art 836(8)(d) tal-Kap 12.**

Illi r-rikorrent talab ukoll li jigi applikat kontra l-intimat ezekutant il-penali kkontemplat bl-artikolu 836(8) tal-Kap 12. Jigi precizat li mhuwiex qed jitlob id-danni f'dawn il-proceduri skont l-artikolu 836(9) tal-Kap 12 imma qed jirriserva biss id-dritt tieghu ghal dan ir-rimedju. Dwar dan l-ahhar punt jigi ribadit li **l-artikolu 836(9) tal-Kap 12** jirreferi ghar-rimedju ghad-danni li ghandu jigi dedott b'rikors guramentat u mhux fil-kuntest ta' semplici talba ghar-revoka ta' mandat fit-termini tal-artikou 836. (*Vide* **Casino-For-Me Limited v Chartwell Games (Malta) Limited** (PA JRM - 27 ta' Awwissu 2008).

<u>**Artikolu 836 (8)(d) tal-Kap 12**</u>

L-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12** jipprovdi:

*"il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin*

*centezmu (€1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

- *omissis-*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." – P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

Illi fil-kaz **"Paul Attard noe. vs Loreto Abela"** – P.A. (JRM) – 25 ta' Mejju 2005, inghad hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin; l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghall-jedd li ghandu ma jiqiesx li hu responsabbli ghall-hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd ("**qui suo jure utitur neminem laedere videtur**"); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita` gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn;*

*"Illi generalment l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq ta' persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nnifisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm, ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta` irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."*

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni

gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ir-rikorrent indika li qed jinvoka s-subinciz (d) ta' dan l-artikolu 836(8) tal-Kap 12.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda l**-artikolu 836 (8) (d)** fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta`. Illi gie sottomess mir-rikorrent, li m'hemmx aktar lok li l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/2002 jibqa' *in vigore* fuq il-proprjeta` kollha milquta. Ir-rikorrent semma wkoll li kien hemm mandati pprezentati minn Paul Caruana li gew revokati kif jidher f'Dok RGKM5, imma dan mhux relevanti ghall-ezami mehtieg rigward il-mandat ta' inibizzjoni in ezami. Illi, ma tressqet l-ebda prova li Paul Caruana agixxa *in mala fede* u b'malizzja meta ntavola l-mandat in kwistjoni. Jirrizulta li l-mandat *de quo* hu sostnut bil-kawza opportuna fil-mertu 354/01, kif semma r-rikorrent stess fir-rikors, liema kaz isegwi kaz iehor Citazzjoni numru 369/98 . Kwindi, hu ma agixxiex b'mod malizzjuz u vessatorju fil-kaz tal-imsemmi mandat ta' Inibizzjoni. Ghalhekk, fil-karenza ta' malizzja u vessatorjeta`, dan is-subinciz ma japplikax.

**Ghaldaqstant, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidhirx li jezistu ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836(8) li jiggustifikaw l-impozizzjoni ta' penali.**

**Artikolu 838A – Garanzija**

Ir-rikorrenti, fit-tielet talba talab li l-intimati jigu ordnati jaghtu garanzija idonea sabiex jaghmlu tajjeb ghal ispejjez u danni li jistghu jigu sofferti, kemm-il darba ma jigix imhassar il-mandat.

Din it-talba hija maghmula fit-termini tal-**artikolu 838A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-ghoti tal-garanzija huwa alternattiv ghat-talba ta' thassir tal-mandat, u anzi jista' jinghata biss jekk kemm-il darba t-talba ghat-thassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jigifieri sakemm il-mandat ikun b'xi mod ghadu fis-sehh. (Ara **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd."** – P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002.

Illi tenut kont li l-mandat *de quo* ser jithassar *stante* nullita', dan l-artikolu mhuwiex aktar applikabbli.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi **tilqa' l-ewwel talba u** tiddikjara l-mandat ta' inibizzjoni numru 901/2002 fl-ismijiet Paul Caruana v Rudolph Gaerty null a tenur **tal-artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-26 ta' April 2002 kif diversament presjeduta u thassar u tirrevoka tali mandat.

Tastjenti milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba u tiddisponi mit-talbiet rimanenti u mill-eccezzjonijiet billi tichad l-istess *stante* li mhumiex gustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat ezekutant.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta' Jannar 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Jannar 2017**